MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2013

Numru 396/2004

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Paul Spagnol

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 224267M, akkuzat talli fit-23 ta’ Mejju 2004 ghall-habta tal-5p.m., fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar u wara fi Triq Burmarrad, Burmarrad:

1. volontarjament kiser il-bon ordni u/jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat, glied u/jew b’mod iehor (Artiklu 338(dd) tal-Kap 9).

2. hebb ghal Gerald Rapinett, permezz ta’ strument li jaqta’ jew iniggez u kkagunalu offiza gravi li tista’ ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn tal-offiz ai termini tal-Artiklu 218(1)(b) tal-Kap 9 u dan skont ma ccertifika Dr Ferdinanado Pisani M.D. mill-Isptar San Luqa.
3. ikkommetta serq ta’ gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta’ Gerald Rapinett, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza ai termini tal-Artiklu 262(1)(b) tal-Kap 9 u bil-valur ai termini tal-Artiklu 267 tal-Kap 9.
4. fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta’ tal-Gvern, jew kontra l-persuna, jew id-delitt ta’ serq jew hsara lill-proprjeta’, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar, jew imitazzjoni ta’ arma regolari.
5. kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
6. uza vjolenza sabiex igieghel lil Gerald Rapinett jaghmel, halla jsir, jew naqas milli jaghmel xi naqas milli jaghmel xi haga (Artiklu 251(1) tal-Kap 9).
7. rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Gerald Rapinett ai termini tal-Artikli 383 u 384 tal-Kap 9.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikolu tal-ligi minnu hemm citati baghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti.
Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tinstema’ u tigi deciza sommarjament.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Fil-bidu tal-process hemm deskritti l-feriti li sofra certu Jerry Rapinett liema feriti huma ccertifikati bhala gravi per natura. Il-kawza ta' dawn il-griehi kienet glieda bejn l-imputat u l-imsemmi Jerry Rapinett. Mill-provi jirrizulta li l-imputat u Rapinett gew fl-idejn darbtejn precisament f'San Pawl il-Bahar quddiem il-"Giormina Bakery" u xi ftit wara quddiem fejn kien il-"Price Club" f'Burmarrad. Fiz-zewg okkazzjonijiet il-glied sehh fit-triq. Deskrizzjoni dettaljata tal-feriti sofferti minn Rapinett huma kontenuti fir-rapport redatt u gguramentat tat-Tabib Mario Scerri gia' nominat fl-inkjesta magisterjali li nfethet. Il-feriti jinsabu hekk deskritti fir-relazzjoni:

1. l-incizjoni … fuq in-naha tax-xellug tal-mohh hi klassifikata bhala ferita ta' natura gravi peress li din thalli marka permanenti fuq mohh Rapinett;
2. l-lezzjonijiet l-ohra deskritti fuq ir-ras ta' Rapinett ihallu wkoll marka permanenti u vizibbli;

Dan apparti kien hemm feriti ohra li kienu ta' natura hafifa u rrizultaw xi feriti wkoll fuq l-imputat ilkoll certifikati bhala hfief.

Esaminata x-xhieda, il-Qorti tafferma li l-imputat ghandu jigi tenut, jekk mhux interament, certament, parzjalment responsabbli ghall-feriti gravi subiti minn Rapinett.

Hu meritu ghall-artikoli tal-ligi specifikati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali mix-xhieda jirrizultaw l-offizi taht l-Artikoli 338(dd), 218, 49 u 50 tal-Kap 9. Issibu hati taghhom filwaqt li tilliberah mill-kumplament. Rat ukoll l-Artikolu 17(d) tal-Kap 9 u kkonsidrat iz-zmien li l-imputat gia' ghamel taht arrest preventiv.

Tikkundannah €200 multa u ammenda komplessivament. Rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjes inkorsi fin-nomina tal-esperti konnessi mal-proceduri.

Tikkoncedi lill-imputat li jhallas l-ammont intier b'pagamenti ta' €50 fix-xahar, l-ewwel pagament sal-ahhar ta' Frar 2013 u b'pagamenti successivi u ininterrotti

sa kull l-ahhar tax-xahar sussegwenti, bid-dekadenza fin-nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------